**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 166/2023**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Cledwyn Zammit**

**Illum, 24 ta' Gunju, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Cledwyn Zammit, bin Anthony u Josephine Ann nee' Agius, imwieled Pieta' nhar is-6 ta' Ottubru 1997, residenti gewwa 34, Tyni, Triq it-Tenghud tax-Xaghri, Mosta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0389697M, akkuzat talli nhar is- 17 t'April 2021, ghall-habta tal-10.30hrs, gewwa l-inhawi tal-Wardija kif ukoll fil-hinijiet ta' qabel gewwa il-gzejjer Maltin waqt l-istagun miftuh ghall- kacca b'deroga fir-Rebbiegha 2021, ghas-summien, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha bi ksur tar-Regolament 4(1)(a) tal-LS549.42;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' 24 ta' April 2023, , wara li rat ir-regolamenti 4(1)(a) u 27 tal- Avviz Legali 79 tas-sena 2006 hekk kif sussegwentament emendat, qed issib lill-qua imputat Cledwyn

Zammit hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-multa ta' elfejn Ewro (Eur. 2,000) li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (Eur. 100) fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il- bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi. Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahrug taht ir- regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Cledwyn Zammit preżentat fir-reġistru ta 'din l-Onorabbli Qorti nhar fit 2 ta 'Mejju, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirrevoka u tannulla s-sentenza msemmija u konsegwentament, tilliberah minn kull htija u piena. B'mod alternattiv, taghti piena iktar idoneja ghall-kaz in kwistjoni billi tirriduci l-multa imposta u/jew tirriduci jew tannulla is-sospensjoni tal-licenzja relattiva that il-ligi sussidjarja 549. 42 u that it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija imposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**
**<u>L-ewwel Agravvju.</u>**

**Tibdil fil-protezzjoni tal-gamiema waqt l-istaguni tar-Rebbiegha 2022 u 2023. Ill-ligi l-aktar vantagguza ghall-imputat, illum appellant kellha tigi applikata.**

Permezz ta' dan l-aggravju 1-appellant umilment jissottometti li ladarba l- posizzjoni legali fir-Rebbiegha inbidlet drastikament fis-sena 2022 u 2023 tant li 1-legislatur ippermetta li il-gamiema setghet tigi ikkacejata allura huwa kellu jibbenefika minn dan l-izvilupp favorevoli ghalih.

Fuq dan il-punt l-Ewwel Onorabbli Qorti esprimiet ruha bil-mod segwenti:

*'Fl-ewwel lok irid jinghad li, fil-fehma ta' din il-Qorti, ic-cirkostanzi tal-kaz odjern ma jirrigwardawx sitwazzjoni ta' decriminalisation u cioe' agir li jkun meqjus bhal reat u wara li jkun sar, permezz ta' emendi legali, l-istess agir ma jibqghux ikkunsidrati bhala reat. Fil-kaz odjerjn kacca fuq speci protetti kienet illegali fis-sena 2021, baqghet illegali fis-sena 2022 u ghada illegali sal-lum….*

*Ir-regolament 9 (li r-regolament numru 4 huwa suggett ghalih) jipprovdi li jistghu jkun hemm derogi minn dan il-principju generali b' tali mod li kacca jew insib fuq xi speci tkun permissibbli. Fil-kaz odjern, fis-sena 2021 (mertu tal- proceduri odjerni) ma nharget l-ebda deroga ghall-kacca fuq il-gamiem filwaqt li fis-sena 2022 inharget deroga fuq kacca ghall-gamiem b' tali mod li saret permissibbli. Madankollu r-reat ikkreat permezz tal-artikolu 4 kien reat fl-2021 u ghadu reat sallum. Ghaldaqstant ma hemm l-ebda differenza fil-posizzjoni tal-imputat fis-sena 2021 u illum il-gurnata. Fil-fatt fin-nuqqas li tinhareg deroga ghall-kacca tal-gamiem fis-sena kurrenti, kacca fuq gamiem ghadha wahda illegali.'*

Bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti hija fattwalment zbaljata li tghid li fir-Rebbiegha 2023 il-kacca fuq il-gamiema kienet illegali u ma kienitx permissibbli. **Infatti il-kacca tal-gamiema kienet permissibbli permezz tal- Avviz Legali 87 tal-2023 li gie ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern numru 21,038 tas-17 ta' April 2023,**

Ir-Regolament 3 tal-imsemmi avviz legali jghid is-segwenti:

'Data tal- pubblikazzjoni ta' dan l-Avviz Legali sat- 30 ta' April 2023, iz-zewg dati inkluzi, minn saghtejn qabel tlugh ix-xemx sa nofs in-nhar'

L-istess ghandu jinghad ghall-istaguin tar-Rebbiegha 2022, li ghalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti tirrikonoxxih, imbaghad tagħmel u-turn u is-sitwazzjoni tal-gamiema ma' inbidlitx. **Infatt ghall-kjarezza tal-hsieb tghid li xorta wahda wiehed jagħmel referenza ghall-Avviz Legali 116 tal-2022 li gie ippubblikat permezz tal-Gazzetta tal-Gvern Numru 20,830 tat-8 ta' April 2022 fejn ir- Regolament 3 jghid testwalment:**

'Il-perjodu tal-kacca tal-gamiema fir-Rebbiegha ghas-sena 2022, ghandu jkun mis-17 ta' April sat- 30 ta' April iz-zewg dati inkluzi, minn saghtejn qabel tlugh ix-xemx sa nofs in-nhar."

Il-gurisprudenza fuq dan il-punt, ossija kambjament fil-ligi jew cirkostanzi favur 1-appellant fil-mori tal-procedimenti, hija pjuttos kompjuza u cara fil-fatt fis- sentenza **Il-Pulizija vs Michael Camilleri** deciza fil-5 ta' Frar 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Vincent De Gaetano kien intqal is- segwenti:

Dan mhux il-kaz li qed jigi allegat li ir-regolamenti in kwistjoni gew mibdula jew irrevokati jew ghal xi raguni ohra m' ghadhomx fis-sehh- cirkostanzi li din il-Qorti hi kompetenti li tiehu konjizzjoni taghhom u tippronunzja ruhha dwarhom.'

Fil-kawza aktar recenti **Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs Gordon Spiteri** (App. Nru. 178/2015) deciz 26 ta' Ottubru 2017 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Edwina Grima il-Qorti filwaqt li canfret l-Avukat Generali qalet is-segwenti:

*'Illi allura din il-Qorti illum fid-dawi tal-pronunzjamenti maghmula mill-Qorti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma tistax taqbad u ghaddesi smuld sura bisa dak li tipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni u tieqaf hemm ghaliex altrimenti tali interpretazzjoni tkun leziva ta' l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Illi illum din il-Qorti hija fid-dmir tapplika dik il-piena li hija l-iktar favorevoli ghall-appellat. L-Ewwel Qorti fid-decizjoni tagħha imxiet bil-ghaqal u b'applikazzjoni ta' dawn il-principji ta' dritt u klen b'nuqqas ta' etika kbira u ta' rispett u lealta lejn l-Ewwel Qorti illi l-Avukat Generali fir-rikors tieghu ta'l-appell donnu jimplika li kien hemm xi kolluzzjoni bejn l- Ewwel Qortu u d-difiza jew inkella li hija tat kaz is-sottomissjonijiet tad-difiza u skartat dawk tal-Prosekuzzjoni! Maghdud dan ghalhekk din il-Qorti ma tista issib xejn x'ticcensura fid-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti billi illum l-iktar piena favorevoli ghall- appellat hija dik moghtija mill-Ewwel Qorti bl-interpretazzjoni tal-ligi kif imfissra fid- decizjoni impunjata u cioe' dik tal-multa ekwivalenti ghal tlett darbiet l-ammont ta taxxa li baqa' ma thallas.*

**Il-Blackstone Criminal Practice edizzjoni tal-2022** f pagna 180 ikompli jispjega is-segwenti:

*.... the Grand Chamber in Scoppolo v Italy (No. 2) (2010) EHRR 12 (323) where the Strasbourg Court said (at [108] and [109]:*

*....it is consistent with the principle of the rule of law, of which Article 7 forms an essential part to expect a trial court to apply to each punishable act the penalty for the sole reason that it is prescribed at the time of the consumption of the offence would mean applying to the defendant's detriment the rules governing the succession of criminal laws in time. In addition, it would amount to disregarding any legislative change in favour to the accused which might have come in before the conviction and continuing to impose penalties which the State- and the community it represents- now consider excessive.'*

L-appellant jemmen ukoll li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset li tiehu in konsiderazzjoni fattur important iehor li jikkreja argument favurih, pero ukoll in linea ma' dak diga' sottomess aktar 'I fuq ossija iz-zewg decizjonijiet tal-Prime Awla tal-Qorti Civili fejn dik l-Onorabbli Qorti ma leqghetx it-talbiet tal-Birdlife Malta biex l-istaguni tal-kacca fuq il-gamiem fl-2022 u 2023 ma jinfetahx. Wahda mir-ragunijiet il-ghala dawn iz-zewg mandati ma intlaqghux ghaliex skond il-Wildlife Bird Regulation Unit l-istatus ta' din it-tajra li tigi ikkaccjata b' mod regolari fil-gzejjer Maltin tjieb mill-lat ta' konservazzjoni.

Infatti fil-kawza **Birdlife Malta (V.O. 0052) vs Prim Ministru et.,** Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 492/2022(AD) per Onorevoli Imhallef Audrey Demicoli gie espost is-segwenti:

*74. Fit-tieni lok, din il-Qorti tagħmel referenza għar-rapport anness mar-risposta tal- intimati għar-rikors għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni (Dok A), senjatament għall- konklużjonijiet dwar l-ispeċi Streptopelia turtur, u tosserva illi: Based on the latest Article 12 reporting cycle (2013-2018), the Turtle-dove reference population improved its short-term trend status from*

*Decreasing to Stable (Min. Pairs:-0.30%; Max. Pairs: -0.39%) and remained Stable in the long-term trend (Min. Pairs: -0.32%; Max. Pairs: -0.36%). During the previous reporting cycle (2008-2013), the decrease in the short- term trend of Malta"s reference population was as follows: Min. Pairs: -13.02%; Maт. Pairs: -10.61%. Thus, in the short-term, the reference population increased by 12.7% (Min. Pairs) and 10.25% (Max. Pairs). However, it should be noted that more than half the reference population (55%) is decreasing in the short-term trend. In the long-term, the majority of the reference population (81%) is either decreasing (36%) or has an unknown trend (45%) but the overall trend remained stable at -0.32% in the minimum number of breeding pairs and -0.36% in the maximum number of breeding pairs. When compared with the previous trends (for Article 12 reporting period 2008 2012), this equates to an increase of 11.73% [(-0.32%) - (-12.05%)] in the minimum number of breeding pairs and an increase of 15.31% [(-0.36%) - (-15.67%)] in the maximum number of breeding pair.*

*75. In oltre, hekk kif jissenjalaw l-intimati fir-risposta tagħhom, fit-tabella numru 13 fl- istess rapport, il-post minn fejn l-aktar li jpassi gamiem lejn Malta huwa mill-Italja (46.5%), fejn il-popolazzjoni tal-gamiem hija dikjarata bħala Stable fix-short-term, u Increasing fil-long-term.*

Sena wara, ossija fis-17 ta' April 2023 **fis-sentenza Birdlife Malta (V.O. 0052) vs Il-Ministru ghall-Ambjent, I-Energija u l-Intrapriza et. (Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 542/23/GG**, l-istess Prim' Awla tal-Qorti Civili din id-darba preseduta mili-Onorevoli Imhallef Giovanni M. Grixti filwaqt li irritentiet validu r-rapport aggornat mill-Wildlife Bird Regulation Unit stqarret ghas-sena kurrenti is-segwenti:

*29. Illi din is-sitwazzjoni hija identika ghal-dik prevalenti fis-sena 2022 b' hekk huwa evidenti li ma kien hemm l-ebda 'bidla fic-cirkostanzi minn dawk li dwarhom iddecidiet il-Qorti fil-mandat tal-2022 u li konsegwentement ma jaghtu ebda dritt lill-għaqda li terga tipproponi dan il-mandat.*

Dunque mhux biss il-qafas legali u regolatorju inbidel drastikament favur il-kacca fuq I-ispeci imma il-Qrati Maltin ghamlu taghhom l-istudji xjentifici tal-Wildlife Bird Regulation Unit li jikkonstataw il-miljorament faunistiku tal-gamiema u allura l-

appellant jissottometti li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghatx tghid u tiddikjara il-kuntrarju u ma tiehux kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet a favur tieghu.

**Dan isegwi li, jekk ghal grazzja tal-argument biss, wiehed kellu jaccetta li l-appellant vera spara fuq gamiema u mhux fuq summiena, allura fis-17 ta' April ma kien qed jikser l-ebda ligi ladarba l-izviluppi li sehhew 2022 u 2023 kienu favorih. Wara 2021 il-gamiema ma baqghetx tgawdi l-istatus ta' konservazzjoni fir-Rebbiegha ghal diversi granet li propju jinkwadraw fid- data tal-akkuza tal-2021.**

Ghaldaqstant, l-appellant jemmen li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kienitx korretta u gusta meta sabitu hati a prexxindere mhux biss mal-izvilupp legislattiv li sehh f' dawn l-ahhar snin izda kif ukoll li l-istatus ta' konservazzjoni skond il-Wildlife Bird Regulation Unit lokalment tjieb b' mod konsiderevoli. B' hekk hu jemmen li kellu jigi liberat mill-akkuza.

**<u>It-Tieni Aggravvju.</u>**
**<u>Interpretazzjoni hazina tal-ligi tar-regolament 4(1)(a) tal-Ligi Sussidjarja 549.42 in relazzjoni mad-dicitura tac-citazzjoni</u>**

Mingħajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju sottomess l-appellant jixtieq jissottometti ghall-attenzjoni u gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti is-segwenti.

L-Ewwel Onorabbli Qorti gustament tagħmel referenza ghall-artiolu 4(1)(a) li fuqha imsejsa l-akkuza, Ir-regolament 4 (1) u 9(1) qed jigu prodotti testwalment fil-parti li l-appellant jemmen li hu rilevanti biex wiehed jifhem ahjar l-aggravvju.

**4.(1) Kull speċi ta' ghasfur li jinsabu fis-selvagg b'mod naturali hija protetta. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 5, 8 u 9, ebda persuna m'ghandha:**

**(a) tikkaccja jew tipprova tikkaccja, tieħu jew tipprovatiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti uskont il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħatatahtha;**

**(b) tikkaccja jew tipprova tikkaccja, tichu jew tipprovatieħu, teqred, tikkawża hsara jew tnehhi b'kull mod, bejta u bajd tal-għasafar;**

---

**9.(1) Jistgħu jiġu awtorizzati derogi mid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 4, 5, 6, 7, 18 u 21 meta ma jkunx hemm xi soluzzjoniohra sodisfacenti, għal dawn ir-raġunijiet li ġejjin:**

L-appellant jirrileva li huwa <u>**mhux**</u> qed jigi akkuzat li kiser id-deroga tar-Rebbiegha 2021 li kienet qed tigi regolata bil-legislazzjoni sussidjarja 549.142 (Avviz Legali 163/2021) Regiolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvagg (Dikjarazzjoni Dwar Deroga ghall-Stagun tal-Kacca fir-Rebbiegha tal-2021 Ghas-Summien) <u>**izda**</u> li kiser ir-regolament 4(1)(a) tal-L.S. 549.42. Jirrileva ukoll li huwa barra il-licenzja specjali ghas-summien kellu ukoll il-licenzja generali tal-kacca kif xehed ir-rapprezentant tad-Wildlife Bird Regulation Unit.

L-Ewwel Onorabbli Qorti ma kienitx korretta meta tasserixxi li l-gamiema hija tajra protetta mhux biss ghax kif inhu ben risaput tista' tigi ikkaccjata u minsuba waqt l-istagun tal-Harifa **izda hija tajra li fl-istess Skeda II tat-Taqsima A tal-legislazzjoni sussidhjarja 549.42 hija imnizzla li tista' tigi ikkaccatha.**

Isegwi ghalhekk li l-akkuza kif formulata mill-prosekuzzjoni qatt ma tista' tregi ghax huwa baqa' fidil mal-licenzja generali li kienet in vigore u allura qatt ma setgha jigi akkuzat taht u li kiser id-disposizzjonijiet generali tal-L.S. 549.42 jew xi kundizzjonijiet maghmula taht dik il-licenzja generali ladarba il-gamiema skond dik l-iskeda setghet tigi ikkaccjata minn fuq l-art.

Ghaldaqstant, anki permezz tat-tieni agravvju, l-appellant jemmen li anki jekk hu spara fuq gamiema, xi haga li jichad, kif impostata l-akkuza ma tregix mill-lat tekniku-legali u allura kellu jigi liberat mill-akkuza kif dedotta.

**<u>It-Tielet Aggravju</u>.**
**<u>Ne bis in Idem.</u>**

Minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg aggravji l-appellant jissottometti li huwa diga' gie ikkastigat ghall-allegat ghemil li ghamel meta qed jigi gie akkuzat mill-agenti tal-pulizija li huwa spara fuq il-gamiema f April 2021. Huwa jirrilevat li wara li il-pulizija li marru fuq il-post ma riedux jafu b' dak li kellu xi jghid hadulu is-senter tal-marka ATACY 11/14193 kif ukoll il-licenzja specjali tar-Rebbiegha 2021. Dan kollu sar meta huwa ma kienx ghadu akkuzat u il-process gudizzjarju kien ghadu fil-bidu nett tieghu. Infatt il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem diversi drabi irritentiet is-segwenti:

*The concept of 'charge' has to be understood within the meaning of the Convention. The Court tales a 'substantive', rather than a 'formal', conception of the 'charge' contemplated by Article 6 (Deweer v. Belgium), 44). Charge may thus be defined as 'the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence', a definition that also corresponds to the test whether the situation of the 9suspect0 has been substantially effected (ibid, 42 and 46); Eckle v Germany, 73, and also Ibrahim and Others v United Kingdom (GC); Simeonovi v. Bulgaria (GC), 110).*

Fil-kaz **Nilsson vs Sweden (7366/01**) deciz fit- 13 ta' Dicembru 2005 mill-QEDB qalet is-segwenti f kaz fejn il-licenzja giet mehuda:

*'retribution must have been a major consideration. Furthermore, noting that the measure was a direct and foreseeable consequence of the applicant's conviction and despite domestically being regarded as an administrative measure designed to protect road safety, the Court held that its severity was such as to regard it as a criminal action. It therefore concluded that the withdrawal constituted a 'criminal' matter for the purposes of Article 4 of Protocol 7 (see also Maszni v Romania, 65-66).*

Imbaghad fil-kaz **Palmen vs Sweden (41265/1998)** deciz fl-20 ta' Lulju 2004 mill-QEDB ghamlet differenza bejn it-tehid tal-arma f dak li jirrigwarda prevenzjoni u meta jkun bhala kastig ossija punittiv.

L-appellant jemmen li bid-decizjionijiet li hadu l-pulizija u aktar tard ikkonfermata mid-Wildlife Bird Regulation Unit, minghajr ma kien ghadda il- process gudizzjarju sabuh hati, ikkundannawh u issentenzjawh b' hekk l-istagun tal-kacca ghalih spicca hesrem. Barra minn dan sal-gurnata ta' dan l-appell huwa ghadu minghajr ma inghata s-senter lura, b' hekk effettivament gie depussessat minn hwejjgu ghal diversi snin.

L-appellant jirrileva ukoll li kif inhu ben risaput, wara sentenza ta' prigunerija, it-tehid tal-licenzja tal-kacca jew insib hija l-piena l-aktar harxa. Tanti hu hekk li l-legislatur, bhala deterrent qawwi ghamel tali revoka tal-licenzja relattiva xi haga tassattiva, L-istagun tar-Rebbiegha tal-2021 mar u ghadda u huwa ma setghax ikompli igawdieh ladarba mhux biss ittehditlu l-arma izda ukoll ittihditlu il-licenzja relattiva ghall-dak il-perjodu.

Ghaldaqstant, 1-appellant jemmen li peres li hu gie imcahhad milli jkompli jikkaccja waqt l-istagun tar-Rebbiegha 2021 u ittiehditlu l-arma ghal diversi snin wara l-incident huwa diga' gie ikkastigat u b' hekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kella tilliberah mill-akkuza.

**Ir-Raba' Aggravvju.**
**Apprezzament tal-provi dwar x' gara effettivament fil-kampanja.**

Minghajr pregudizzju ghall-aggravji l-ohra huwa vera li din l-Onorabbli Qorti ma tbiddilx l-apprezzament tal-Ewwel Onorabbli Qorti b' mod facli, sakemm pero', tali apprezzament ma jkunx 'safe and satisfactory'. Hu vera ukoll li xhud wiehed jekk emmnut huwa bizzejjed biex Qorti issib il-htija.

L-appellant jissottometti permezz ta' dan l-aggravju li mhux difficli li ix-xhud principali, PS 130 Roderick Farrugia, ghamel apprezzament hazin tal-ispeci li qed jghid li l-appellant spara fuqha, ossija gamiema. L-appelant ifakkar matul il- perjodu ta' kacca il-pulizija jkunu verament taht pressjoni. Jaf di fatt li in-numru tal-pulizija huwa ferm zghir meta ikkonparat man-numru ta' bird watchers u kaccaturi li jkun hemm fil-kampanja u din tohloq tensjoni u certa anzjeta fuq l- ufficjali li jrid ta' bil-fors igib certa rizultati". Minghajr dubbju PS 130 Farrugia jemmen li f' dawk il-ftit sekondi li seta jilmah it-tajra bis-shih jemmen li din kienet gamiema. Irid jinghad ukoll li PC 1071 J. Bajada jixhed li huwa temporanjament kien dettaljat mas-sezzjoni tal-EPU tal-pulizija u dunque kif gie ammess fil-kontro-ezami kien is-surgent Farrugia li kien qed imexxi l-investigazzjoni, tant hu hekk li kien huwa li hareg l-ircevuta tas-sekwestru tal- oggetti.

Issa waqt ix-xhieda tieghu l-appellant iddeskriva l-ambjent li kien jinsab fih li huwa ferm materjali u important ghall-vertenza u biex tinstab il-verita'. Hu ipprezenta ukoll filmat dettaljat ippubblikat mill-Birdlife Malta dwar id- differenza bejn kacca fuq il-gamiem u dik fuq is-summiena. Milli jidher tali prova giet kompletament skartata mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Issa kif inhu ben maghruf l-evidenza cirkostanzjali hafna drabi hija aktar important minn dik diretta, specjalment meta l-incident isehh F lehha ta' berga u it-tajra ma tigix misjuba u identifikata kif inhu il-kaz odjern!

Il-fatti li jidhru mhux kontesttai huwa li hemm differenza bejn il-kacca fuq u l- ambjent tal-kacca fuq gamiem u summien.

Is-summiena hija qisa tigiega zghira, taghti fil-kannella, hija madwar 15 il- centimetru tpassi bil-lejl u fil-ghodu u tira fix-xahri jew fl-ghelieqi fil-haxix, tajra li ma ittirx fil-gholi hafna. **Din it-tip ta' kacca issir bil-kelb u il-kaecatur jimxi u jiccaqlaq.**

Il-gamiema qisa hamiema, griza fil-kulur, tigi f wahdiha u tpassi fil-gholi u <u>fil-ghodu kmieni.</u> **<u>F’din it-tip ta’ kacca</u> kaccatur ikun f' dura, id-dura tkun f'post gholi (torri) u il-kaccatur ihares 'I fuq ghax it-tajra ittir fil-gholi.**

Meta wiehed ihares lejn l-*assjem tal-provi* fuq bazi ta' probabilita' wiched facilment jista' jikkonkludi li l-appellant kien fil-fatt spara fid-direzzjoni ta' summiena u mhux gamiema. L-appellant kellu zewg tiklieb mieghu, kien miexi u jiccaqlaq meta kelb minnhom iffirma u harget summiena minn mal-art spara ghall-fuqha u ma laqatiex.17 Din l-attivita' kien qed jaghmilha f' post xaghri fejn kien hemm ftit arbuxxelli.

L-appellant ukoll jirrileva li kien nuqqas serju da parti mill-ufficjali tal-pulizija li ma lagghux l-istedina tieghu biex imorru jfittxu it-tajra halli fil-fatt jivverifikaw 1-ispeci taghha. B' hekk hu gie imcahhad milli jikkorrabbora, jew tal-anqas jipprova jikkorrabora, il-verzjoni minnu sostnuta.

Ghaldaqstat, umilment l-appellant jissottometti li kellu jigi liberat mill-akkuzi fin-nuqqas tal-elementi kif esposti aktar 'I fuq.

**<u>II-Hames Aggravju,</u>**

**<u>Piena</u>**

Bla pregudizzju ghal dak diga' sottomess permezz ta' dan l-aggravju l-appellant jissottometti li huwa ghandu fedina penali nettissima. Hu dejjem osserva il- ligijiet tal-pajjiz inkluz dawk li jirrigwardaw il-kacca.

Aktar minn hekk ir-regolament 27(2) tal-L.S. 549.42 jikkontempla is-segwenti:

*Iżda wkoll, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subregolament, waqt li tkun qed tikkonsidra s-serjetà tar-reat, il-Qorti tista' tikkunsidra, fost l-oħrajn, dan li gej:*

*(a)l-impatt li dak ir-reat għandu fuq l-istatus ta'konservazzjoni tal-ispeči milquta;*

*(d) l-impatt ta' dak ir-reat fuq il-pubbliku generali minħabba fil-post, hin, speċi involuta jew kwalunkwe ħaġa oħra simili involuta fir-reat;*

*(e) il-valur intrinsiku tal-flora u l-fawna selvaġġa;*

*(1)il-benefiċċji soċjo-ekonomiċi tal-flora u l-fawna selvaġġa;*

*(g) l-interess pubbliku; u*

*(h) il-valur potenzjali tal-qligħ illegali.*

Dawn l-osservazzjonijiet gew mirquma ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Miguel Zammit** (App. Nru. 398/2022/1) deciza fis-27 ta' Marzu 2023 per Onorevoli Imhallef Neville Camilleri.

Ghaldaqstant l-appellant jemmen bis-shih ghandu jkun hemm temperament fil- piena u li l-multa moghtija kienet sproporzjonata u għandha tkun fil-minimum, jew tqarreb lejn il-minimum, kemm-il darba l-aggravi l-ohra ma jigux milqugha. Wiehed jerga' jirribadixxi li il-gamiema mhux tajra protetta u tista' tigi ikkaccjata kemm fir-Rebbiegh kif ukoll fil-Harifa. ***B' hekk l-appellant jemmen ukoll li jezistu dawk ic-cirkostanzi specjali u eccezzjonali fil-kaz partikolari tieghu li tirrikjedi il-ligi biex ma jkunx hemm is-sospensjoni tal-licenzja relattiva jew inkella dik is-sospensjoni tkun taht is-sentejn.***

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' dina l-Qorti nhar is-6 ta' Lulju 2023 fejn qal hekk dwar il-hames aggravji tal-akkuzat:

**<u>Rigward l-ewwel aggravju:</u>**

Illi I-ewwel aggravju għandu jigi michud fit-totalita' tiegħu u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Illi hekk kif l-Ewwel Onorabbli Qorti espremiet,

*"-cirkostanzi tal-każ odjern ma jirrigwardjawx sitwazzjoni ta' 'decriminalisation' u cioe' agir li jkun meqjus bhala reat wara li jkun sar, permezz ta' emendi legali, l-istess aġır ma jibqgħux ikkunsidrati bhala reat. Fil-każ odjern kaċċa fuq speċi protetti kienet illegali fis-sena 2021 [---] Fil-każ odjern, fis-sena 2021 (mertu tal-proċeduri odjerni) ma nharġet l-ebda deroga ghall-kaičia fuq il-gamiem filwaqt li fis-sena 2022 inharget deroga fuq kačča ghall-gamiem b' tali mod li saret permissibbli. Madanakollu, r-reat ikkreat permezz tal-Artikolu 4* ***kien reat fl-2021 u għadu reat sal-lum.*** *Għaldaqstant, ma bemm l-ebda differenza fil-pożizzjoni tal-imputat fis-sena 2021."*

Illi minkejja l-osservazzjoni preċiża tal-Ewwel Onorabbli Qorti, b'referenza ghall-Gazzetta tal-Gvern nru. 20/830 tat-8 ta' April 2022 li ġiet kwotata fir-rikors ta' Appell intavolat mill-appellant, tajjeb li wieħed jigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali illi l-Avviż Legali stess jishaq u jimplika bl-aktar mod car u specifiku, illi il-kaċċa fuq il-gamiem kienet permissibbli biss bejn is-17 ta' April sat- 30 ta' April tas-sena 2022. Għalhekk, din hija prova cara illi hekk kif sahqet l-Ewwel Onorabbli Qorti, ma kien hemm l-ebda bidla fil-pożizzjoni tal-imputat, u għalhekk, ir-reat imwettaq minnu stess, jibqa' reat.

Illi b'referenza ghal kawza 'Birdlife Malta (V.O. 0052) vs. Prim Ministru et.' li ghamel referenza ghaliha 1-appellant fir-rikors tal-appell intavolat minnu, tajjeb li wiehed jghid illi il-fatt li it-talba tar-rikorrent fl-imsemmija kawża ma gietx milqugha, ghal darba ohra ma timmerita' l-ebda bidla fil-pożizzjoni tal-imputat in kwantu ghal fatt illi il-qrati jittrattaw kull każ individwalment, u cioe' bl-ebda mod ma ghandha tinfluwenza l-każ odjern u l-piena mogħtija lil appellant mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

**Rigward it-tieni aggravju:**

Illi it-tieni aggravju għandu jiġi michud fit-totalita' tieghu u dan ghas-segwenti

raguni:

Illi il-fatt li l-appellant kellu l-licenzja generali tal-kacca ma jfissirx illi dan seta jikkačja fuq il-gamiem li kien protett fiż-żmien li sehh ir-reat u cioe' kull tajra li kienet protetta fl-istess żmien li sehh ir-reat. Ghalhekk, hawnhekk fejn jidħol l-irwol tar- regolamenti fil-liġi tagħna, liema rwol hu sabiex jimplimentaw u jenforzaw il-ligi u attwalment jintlahaq l-oggettiv tal-legislatur.

In kwantu ta' dan l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet korretta meta sabet lil appellant hati li kiser regolament 4(1)(a) tal- L..S. 549.42, u korretta fil-piena mogħtija lilu.

**Rigward it-tielet aggravju:**

Illi it-tielet aggravju għandu jigi michud fit-totalita' tiegħu u dan ghas-segwenti raguni

Illi b'referenza ghal każ **Palmen vs Sweden (41265/1998)**' li għamel referenza ghalih l-appellant fir-rikors tal-appell intavolat minnu, tajjeb li wieħed jgħid illi il- ECHR fl-istess kaz tishaq illi: "*the legal characterisation of the procedure under national law cannot be the sole criterion of relevance for the applicability of the principle of ne bis in idem*". Meta wieħed jichu dan fil-kuntest tal-proċedura tagħna, u cioe' li tittiehed l-arma li biha jkun sar ir-reat, u kif hekk gara fil-każ odjern, ma jistax jinghad li il-principju ta' Ne Bis In Idem intlahaq.

Illi di piu' l-arma ma ttehditx lill-imputat bhala piena minn Qorti, u għalhekk qatt ma jista' jingieb il-principju ta' ne bis in idem, għaliex l-imputat qatt ma tressaq darbtejn fuq l-istess reati u fatti.

**Rigward ir-raba' aggravju:**

Illi ir-raba' aggravju ghandu jigi michud fit-totalita' tiegħu u dan ghas-segwenti raġunijiet:

Illi għal kuntrarju li qiegħed jimplika l-appellant u cioe', illi persuni jew uffiċjali li jkunu taht stress jew anzjeta' fil-qadi ta' dmirijiethom, dan ma jfissirx illi il-ġudizzju tal-imsemmija uffiċjali tal-pulizija ġie mittiefes minħabba l-istress u anzjeta' implikata mill-appellant.

Illi jidher li ċ-ċitazzjoni hija msejsa fuq ir-regolament 4(1)(a) tal-L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan illi tali artikolu la jsemmi speċifikament il-gamiema u lanqas is-summiena. L-istess regolament kulma jsemmi huwa xi ghasfur, u għalhekk għandu jkun hemm qbil li kemm jekk kienet gamiema u kif ukoll summiena, it-tnejn li huma għandhom jigu ikkunsidrati li huma xi ghasfur.

**<u>Rigward il-hames aggravju:</u>**

Illi il-ħames aggravju għandu jigi michud fit-totalita' tiegħu u dan ghas-segwenti raguni:

ILLI b'referenza għar-regolament 27(2) tal-L.S. 549.02 li għamel referenza ghalih 1-appellant fir-rikors tal-appell intavolat minnu, meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni,

(a)l-konservazzjoni tal-ispeci milquta;

(d) l-impatt ta' dak ir-reat fuq [...] speči involuta jew kwalunkwe haja obra simili;

(e) il-valur intrinsiku tal-flora u l-fawna selvagga;

(2) l-interess pubbliku;

Juri bic-car illi il-piena mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti lil appellant hija waħda gusta u idonea.

Ghaldaqstant ghar-raġunijiet kollha esposti hawn fuq, l-appell imressaq mill-appellant għandu jigi michud fit-totalita' tiegħu, u għalhekk is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati għandha tigi ikkonfermata fit-totalita' tagħha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-każ.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw il-kawża u dan fis-seduta tal- 10 ta' April 2024.

**Ikkunsidrat,**

Illi permezz **tal-ewwel aggravju** tieghu l-appellant qieghed jargumenta illi ladarba l-pozizzjoni legali fir-Rebbiegha nbidlet fis-snin 2022 u 2023, tant li l-legislatur ippermetta li l-gamiema setghet tigi ikkaccjata, allura huwa kellu jibbenefika minn dawn l-izviluppi favorevoli ghalih. Jirrizulta illi filwaqt li fis-snin 2022 u 2023 kien hemm deroga, mhux l-istess jista' jinghad ghas-sena 2021, is-sena li allegatament l-appellant wettaq ir-reat.

Illi, primarjament ir-regolament numru 4 ta' L.S. 549. 42 jibda bil-kliem '*Kull speċi ta' għasfur li jinsabu fis-selvaġġ b'mod naturali hija protetta.*' L-appellant qieghed jigi akkuzat talli nhar is-17 t' April, 2021 u ghalhekk fl-istagun tar-Rebbiegha, wettaq, ikkaccja jew prova jikkacja, ha jew prova jiehu tajra protetta u cioe' gamiema (*steptopelia turtur*). Din it-tajra tinsab elenkata taht skeda II tal-istess legislazzjoni sussidjarja. In oltre, ir-regolament numru 5 jipprovdi hekk: '*Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 9 ħadd ma għandu jikkaċċja jew jipprova jikkaċċja lil xi għasfur minbarra dawk imsemmija fl-Iskeda II.*' Madankollu dan ir-regolament jinkludi ukoll certa eccezzjonijiet li jinkludu li m'għandu jkun hemm l-ebda kacca ta' għasafar li huma msemmija fl-Iskeda II u cioe' waqt l-istaġun tat-trobbija jew matul l-istadji varji ta' riproduzzjoni ta' dawn l-ispeċi. Di piu', m'għandha ssir ebda kaċċa fir-rigward tal-ispeċi li jpassu msemmija fl-Iskeda II, waqt il-perijodu ta' riproduzzjoni tagħhom jew waqt li jkunu

qed jerġgħu lura fil-postijiet fejn irabbu. Illi r-regolament numru 19 ta' l-istess Legislazzjoni Sussidjarja jipprovdi z-zmien u l-hinijiet li hija permessa l-kacca u ma jinkludix ix-xhur tar-Rebbiegha. Madankollu, kif jipprovdi regolament 9 ta' L.S. 549.42, jista' jkun hemm deroga ghal din ir-regola generali.

Illi id-derogi taht ir-regolament numru 9 johorgu ghal ragunijiet partikolari u ghal perjodu specifiku u temporanju. Min-naha l-ohra meta jkun hemm reat li titnaqqaslu l-piena jew inkella ma jibqax reat skond il-ligi, l-intenzjoni tal-legislatur tkun li l-varjazzjoni fil-ligi ghandha dejjem tibqa' tapplika u ghalhekk ma jirristrengix dik il-ligi ghal perjodu partikolari. Ghaldaqstant l-argument li qed jaghmel l-appellant biex jigi applikat il-principju sabiex tigi applikata l-ligi l-aktar vantagguza ma jreggix ghaliex kif qalet l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, dan il-kaz ma jirrigwardjax sitwazzjoni ta' *decriminlisation*. L-Avvizi Legali kwotati mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu jipprovdu b'mod l-iktar car iz-zmien specifiku u temporanju fejn fih kienet permissibbli l-kacca tal-gamiem fir-Rebbiegha permezz ta' derogi. Iz-zmien li fih sehh l-allegat reat mill-appellant ma jaqax that dawn il-perjodi stipulati fl-Avvizi Legali u ghalhekk d-derogi zgur ma japplikawx ghal kaz odjern. Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant.

Permezz **<u>tat-tieni aggravju</u>** tieghu l-akkuzat qieghed isostni illi l-ewwel qorti ghamlet interpretazzjoni hazina tal-ligi u cioe' tar-regolament 4(1)(a) tal-L.S. 549.42 in relazzjoni mad-dicitura tac-citazzjoni. Ir-regolament 4(1)(a) jipprovdi hekk:

> *'4. (1) Kull speċi ta' għasfur li jinsabu fis-selvaġġ b'mod naturali hija protetta. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 5, 8 u 9, ebda persuna m'għandha:*
>
> *(a) tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha;*

Illi d-dicitura fic-citazzjoni kontra l-appellant tipprovdi s-segwenti:

> *'…waqt l-istagun miftuh ghall- kacca b'deroga fir-Rebbiegha 2021, ghas-summien, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir- regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha...'*

Ghaldaqstant fl-akkuza, l-prosekutur ghamel referenza ghall-perjodu li fih sar l-allegat reat fejn kienet tapplika d-deroga ghas-summien fir-Rebbiegha 2021. Ir-regolament 4 jistipula b'mod car illi kull tip t'għasfur li jinsab fis-selvaġġ b'mod naturali huwa protett. Minkejja l-fatt li l-gamiema hija mnizzla fl-iskeda II tat-Taqsima A bhala tajra li tista' tigi kkacjata, ma jfissirx li din mhux tajra protetta, b'mod partikolari fiz-zmien li ma tkunx tista' tigi kkacjata ghajr jekk ikun hemm deroga. Ghalkemm huwa minnu li l-appellant kellu licenzja generali, ma jfissirx li dan seta' jikkaccja gamiem protett fiz-zmien li sehh ir-reat. Ghal dawn ir-ragunijiet sucitati, dan l-aggravju tal-appellant ma jreggix u ghalhekk qed jigi michud.

**<u>Fit-tielet eccezzjoni</u>** tieghu l-appellant jecepixxi illi huwa diga gie kkastigat ghall-allegat ghemil. Huwa jsostni illi meta l-pulizija marru fuq il-post ma riedux jisimghu dak li kellu xi jghid u hadulu s-senter tal-marka ATACY 11/14193 u l-licenzja specjali tar-Rebbiegha. Ghalhekk hu jghid illi bid-decizjoni li hadu l-pulizija u aktar tard ikkonfermata mill-Wild Bird Regulation Unit (WBRU), minghajr ma ghadda il-process gudizzjarju sabuh hati, ikkundannawh u ssentenzjaawh u b'hekk l-istagun tal-kacca ghalih spicca hesrem.

L-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li:

> *'Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra.'*

Minn dak ritenut fl-Artikolu tal-ligi sucitat huwa car daqs il-kristall illi sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem*, irid ikun prova li l-proceduri ntemmew b' sentenza.

Dwar l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem,* din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fredrick Dalli**[1] fejn qalet hekk:

> *'Issa l-qrati tagħna dejjem applikaw it-test biex wieħed jistabbilixxi jekk hix applikabbli l-eċċezzjoni ta' ne bis in idem, bħala dak ċċitat fid-deċiżjoni "**Sua Maesta' il-Re versus Agata Mifsud e Carmelo Galea"** [15.6.1918] u ċioe' fejn intqal li:*
>
> *"un criterio pratico non meno che ragionale per determinare se ad un dato caso si applichi la regola "non bis in idem" e' quello appunto affermato dalla giurisprudenza ed accolto dalla dottrina giuridica in Inghilterra . "**The true test by which the question whether such a plea (i.e. Autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first**."*[2]

Illi l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

> *'Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat.'*

Illi l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi:

> *'No one shall be liable to be tried or punished again in criminal proceedings under the jurisdiction of the same State for an offence for*

[1] Deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar it-23 ta' Frar, 2024.
[2] Ara wkoll **il-Pulizija vs Eugenio Said** deciza nhar it-28 ta' Mejju, 1993.

*which he has already been finally acquitted or convicted in accordance with the law and penal procedure of that State.'*

Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin</u>**[3] gie ritenut hekk:

> *"... Il-principju tan-ne bis in idem imhares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m'ghandha qatt terga' tghaddi minn process iehor dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom fl-ewwel process. .... Illi dana is-subartikolu fil-Kostituzzjoni jaghti harsien usa lil-persuna mixlija minn dak moghti mill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, sewwasew ghaliex jgholli l-eccezzjoni tan-ne bis in idem ghall-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali ghandha l-jedd tirrikorri ghall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali."*

Illi sabiex tirnexxi l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem*, indipendentement minn jekk din hija imsejsa fuq il-Kodici Kriminali, fuq il-Kostituzzjoni jew fuq il-Konvenzjoni, irid jigi pruvat li l-istess persuna diga **<u>ghaddiet process penali</u>** (irrispettivament minn jekk dak il-process wassalx ghal sejbin ta' htija jew liberatorja) **<u>ghall-istess reati jew ghal l-istess fatti</u>**, b'mod li issa dik il-kwistjoni, cioe il-htija o meno ta' dik il-persuna ghal reati naxxenti minn l-istess fatti, hija ***<u>res judicata</u>***.[4]

Illi din il-Qorti zgur ma tistax tqis bhala *'res judicata'* l-fatt illi fi stadju nvestigattiv il-pulizija elevaw is-senter u l-licenzja specjali tar-Rebbiegha tal-appellant. Sabiex jigi nvokat il-principju tan-*ne bis in idem*, <u>id-decizjoni</u> precedenti trid tkun frott ta' process

---

[3] orti ta'l-Appell Kriminali (per Imhallef Galea Debono) deciza fis-17 ta' Marzu 2008 fil-kawza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Nicolai Magrin</u>**

[4] Ara **<u>Il-Pulizija vs David Norbet Schembri</u>** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-11 ta' Jannar, 2021.

penali; tkun ittihdet dwar l-istess fatti u cirkostanzi u tkun wahda finali u definittiva. Din il-Qorti bl-ebda mod ma tista' tqis il-poteri tal-pulizija sabiex jelevaw is-senter u l-licenzja specjali fi stadju hekk bikri, bhala decizjoni finali u definittiva, bhal ma hija decizjoni ta'Qorti li tkun *res judicata*. Ghaldaqstant dan l-aggravju zgur ma jistax jigi milqugh u ghalhekk qed jigi respint.

**Ir-raba' aggravju** jirrigwardja apprezzament hazin tal-provi mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti hija Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ghalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet ghamlet. Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese**:[5] '

> *'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.** [6] "

[5] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.

[12.5.94]; "**Ir-Repubbblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[7]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace** [8]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[9]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[10]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[11]

Jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet xogholha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza taghha, dimend li ma jkunx hemm raguni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[12] inghad illi :-

---

[7] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[10] 1969] 1 QB 276.
[11] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.
[12] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Din il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhieda hi kif tkun semghathom l-Ewwel Qorti, u ghaldaqstant din tal-ahhar ikollha vantagg peress li tkun semghet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom meta dawn xhedu. Ghaldaqstant, din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, izda jekk din setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Izda, din il-Qorti taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[13] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara**

[13] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.

**li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbaghad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[14]

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq **il-kredibilita` tax-xhieda** u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

[14] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

**<u>Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.</u>** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil</u>**:[15] "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika*".

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** [16] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **<u>Teper vs. R</u>** [17] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure*

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[16] 1997 Edition Para 10-3.
[17] 1952.

*that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[18]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[19] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li

[18] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

[19] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[20] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'mohhhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza taghhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tevalwa l-evidenza li ngiebghet quddiem l-Ewwel Qorti.

**PS130 Roderick Farrugia**[21] xehed permezz t' affidavit fejn iddikjara li fis-17 t'April 2021 kien ma' PC1071 iwettaq spezzjoni gewwa l-Wardija u ghall-habta ta' 10:30am beda jisma' xi tiri tal-kacca. Meta dahlu fix-xaghri innutaw persuna maskili li kien ghall-kacca u hekk kif imxew iktar 'l quddiem taret gamiema li kienet gholja madwar metru 'l fuq mill-arbuxelli li marret fid-direzzjoni tal-batterija, l-istess direzzjoni tal-kaccatur. Ra lill-persuna terfa s-senter u jispara tlett tiri fid-direzzjoni ta' l-istess tajra fejn din ma gietx milquta u taret il-boghod. Spjega li gie msejjah il-kaccatur, fejn hekk kif imsejjah telaq fil-kamra. Hu u l-kollega tieghu marru hdejh u talbuh il-licenzja tar-

[20] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono
[21] a fol.6 et seq tal-process.

Rebbiegha u l-licenzja tal-arma. Irrizulta li l-kaccatur kien l-appellant. Giet iccekjata l-arma u rrizulta li kollox kien sew. L-appellant gie mghoti d-drittijiet legali tieghu fejn ghazel li jkellem avukat. Sussegwentament l-appellant gie mistoqsi x'kien gara u gie nfurmat li kien gie nnutat jispara fid-direzzjoni tal-gamiema fejn min-naha tieghu stqarr li kien f'xaghri t'isfel u tela fuq jiehu kafe' fejn kien cempel habib tieghu. Hu kien qed idur fuq barra, nhasad u gibed tlett tiri. L-appellant zied jghid li t-tajra ma kienitx waqghet. L-appellant rega gie mistoqsi ghala kif rawh minn faccata jispara lejn il-gamiema u gie msejjah, telaq minn hemm u hu wiegeb li nhasad peress li ra l-kelb jiffirma u meta jaghmel hekk il-kelb ikun sinjal li jkun hemm xi haga. Rega gie mistoqsi li dik li kien spara fid-direzzjoni taghha kienet gamiema u l-appellant rega wiegeb iva u qalilhom li kien inhasad habba l-fatt li kien bil-kelb u fuq it-telefown ma siehbu. Gie mehud is-senter tal-ghamla ATA u numru ta' serje 11/14193 u l-licenzja specjali tar-Rebbiegha 2021, kontra rcevuta 5201.

PS 130[22] xehed in kontro-eżami nhar it-2 ta' Dicembru,2022 fejn huwa kkonferma li dakinhar tal-allegat reat huwa kellu miegħu lil PC1071 li kien misluf temporanjament lis-sezzjoni tiegħu. Jikkonferma li l-post li fih instab l-imputat qua appellant kien xagħri u kien hemm arbuxelli żgħar u siġar ta' żewġ metri ukoll. Spjega li huwa kien miexi fid-direzzjoni tal-gun post meta l-gammiema iċċaqilqett minn siġra warajh. Jikkonferma ukoll illi bejnu u bejn l-imputat qua appellant kien hemm distanza ta' madwar "*ten to five metres*" u minkejja li kien hemm siġar u arbuxelli żgħar viżwalment seta' jara faċilment. Ikkonferma ukoll li l-imputat qua appellant kellu ukoll klieb miegħu, iżda ma jiftakarx jekk dan kienx fuq it-telefon, minkejja li l-imputat qua appellant kien qallu li kien qed iċempel lil xi ħabib tiegħu. Jgħid li huwa għaraf it-tajra, iżda jgħid li t-tajra ma waqghetx u meta prova jfittixha ma sabiex. Ma jiftakarx jekk l-imputat qallux biex ifittex post ieħor. Mistoqsi jekk it-tajra setgħetx kienet summiena jgħid li le għaliex mill-kulur, t-titjira u l-għoli tagħha kif ukoll b'disgħa snin esperjenza tieghu jaf id-differenza bejn summiena u gamiema. Mistoqsji jekk jeskludix li barra l-gamiema kien hemm ukoll summiena huwa jgħid li ma jistax jikkonferma kienx hemm tajra ohra iżda ċert illi kif taret il-gammiema, l-imputat qua

[22] a fol 16 et seq tal-process.

appellant refa' s-senter u spara fid-direzzjoni tagħha. In riezami qal illi kif l-appellant spara, l-gamiema rreaġixxiet, "*tremblet naqra żgħira fuqha nnifisha u baqgħet sejra*". Ikkonferma ukoll li barra l-kuntistabbli li kien miegħu u l-kaċċatur ma kienx hemm iktar nies fuq il-post. Ikkonferma ukoll li jgħaraf lill-imputat qua appellant fl-awla, li meta ra l-pulizija dakinhar tal-inċident inħasad u mexa lejn id-dura.

**PC1071 J.Bajada**[23] xehed permezz ta' affidavit fejn iddikjara li fis-17 t'April 2021 għal ħabta tal-10:30am kien għaddej f'passaġġ qalb l-għelieqi ma' PS130 fl-inħawi tal-Wardija limiti ta' San Pawl il-Baħar. Jgħid li ra gamiema għaddejja għal madwar żewġt metri tul tilħaq l-għoli tas-sigra fejn kien hemm kaċċattur. Jispjega li kif kienu viċin ħafna tiegħu huwa rah jgħolli l-arma u jimmira lejn din il-gammiema fejn spara tlett tiri għaliha. Jgħid illi hu u PS130 bdew jgħajtu lill-kaċċatur biex ikellmuh fuq li ġara, u marru viċin id-dura tiegħu, fejn ġie identifikat li huwa l-imputat qua appellant, u li kellu liċenzja valida tal-arma. Jgħid ukoll li l-imputat qua appellant ingħata d-dritt li jkellem avukat, fejn dan tkellem mal-avukat tal-għażla tiegħu. Iżid jgħid li l-imputat qua appellant kien qalilhom illi huwa kien qed jitkellem fuq il-mowbajl meta nħasad peress li l-klieb kienu qed jagixxu li raw xi ħaġa u b'hekk spara tlett tiri filwaqt illi żied jgħid li l-gammiema ma laqatiex.

**Nicholas Grech**[24] xahed in ezami nhar id-19 ta' Settembru 2022 iżda minħabba raġuni teknika din ix-xhieda ma ġietx reġistrata. Huwa xehed in kontro-eżami fit-2 ta' Diċembru 2022[25] illi huwa jirrappreżenta l-Wild Birds Regulation Unit, fejn ikkonferma illi minkejja li f'Marzu 2021 il-kaċċa għall-gammiema ma' kinitx permessibbli, f'April 2022 din kienet possibbli "*bin-national bag limit*". Spjega illi jekk jinqabdu iktar minn ċertu ammont ta' gammiem, l-istaġun kien jispiċċa kmieni. In ri-eażmi huwa kkonferma li fis-17 ta' April 2021 il-kaċċa għall-gamiem ma' kinitx permessa.

[23] a fol.8 tal-process
[24] a fol 9 tal-process.
[25] a fol.13 et seq tal-process.

L-imputat qua appellant **Cledwyn Zammit**[26] xhed fit-2 ta' Diċembru 2022 fejn stqarr illi huwa kien għall-kaċċa u miegħu kellu l-arma u żewġt iklieb, wieħed minnhom ġeru ta' ftit xhur li kien għadu kif xtrah minn Sqallija. Jgħid li kien qed idur fix-xagħra għal summiena meta ra lill-Pulizija għaddejjin fit-trejqa li tintuża mill-bdiewa u l-kaċċaturi. Huwa preżenta ukoll pjanta ta' fejn kien qed jikkaċċja u fuqha immarka fejn skontu poġġiet is-summiena.[27] Jispjega li ħames metri minn fejn spara huwa għandu kamra. Jgħid li kif spara ddeċieda li jmur jieħu kafe u jikkalma għaliex skontu s-summiena wara li spara fuqha ftit kienet se ttir. Infatti jgħid li raha fix-xagħra tal-ġarr tiegħu. Jgħid li kien hemmhekk li ra lis-Surġent li kien madwar mija u ħamsin pied-il bogħod miexi mill-isqaq għal ġox-xagħra. Żied jgħid li fix-xagħra hemm arbuxelli tas-sagħtar, telliera, u deru. Jgħid li inħasad ftit għaliex ix-xagħra kienet propjeta' privata ta' missieru u ma kienx jaf illi se jidħol il-Pulizija fiha. Jżid ukoll illi li kieku dan għajattlu kif di solitu isir, kien ikun jaf li dieħla persuna, anke minħabba li setgħa laqtu. Jispjega illi "*tista tgħid kwasi kuljum aħna, f'April spejċalment il-Wardija. Jgħajtulna biex intuhom id-dettalji. Imma dejjem jgħajtulna qabel. Ovjament ġie fuqi s-Surġent u qalli se neħodlok l-arma jiena. Għedtlu teħodli l-arma għaliex. Qalli għax inti ma sparajtx fuq summiena.*" Huwa jgħid li baqa' jinsisti li spara fuq summiena, u ppreżenta *video clip* u ritratti sabiex jissustanzja d-differenza li hemm bejn it-tajra tal-gamiema u s-summiena.[28] Stqarr illi minkejja li huwa talab lis-Surġent sabiex imorru jfittxu s-summiena fl-akkwata, jistqar illi s-Surġent baqa' jinsisti li m'hemmx għalfejn. Jgħid ukoll illi kien hemm Pulizija ieħor li ntbgħat lura fl-isqaq mis-Surġent. Jgħid li kien f'dan l-istadju li ntalbu d-dettalji tiegħu u ttiħditlu l-arma mill-Pulizija.

In kontro-eżami jgħid illi huwa kien waħdu meta spara, iżda fix-xagħra ta' maġenbu kien hemm kaċċatur ieħor. Jgħid illi għall-għoli li kienet fiha t-tajra, u anke minn dak illi spjega s-Surgent, skontu din it-tajra ma kinitx gamiema. Jikkonferma ukoll li kien hemm ftit metri mill-kamra li kien fiha għax-xagħri. Mistoqsi jekk huwa mexiex lura lejn il-kamra meta ra l-pulizija, x-xhud jgħid illi huwa mexa lura għall-kamra wara li

[26] a fol.23 et seq tal-process.
[27] a fol.31 tal-process.
[28] a fol.32 tal-process.

spara iżda mhux għax ra lilhom. Jgħid li kellu t-*thermos* ġos-sidrija, u sakemm waslu ħdejh il-Pulizija kien laħaq daħal fil-kamra u ferra' l-kafe.

Illi din il-Qorti, bhall-ewwel qorti qabilha, ma jidrilhiex li hemm xi raguni ghalxiex ma ghandiex toqghod fuq il-verzjonijiet tal-pulizija. Jirrizulta illi PS130 Roderick Farrugia ghandu wkoll esperjenza ta' disa' snin fir-rigward ta'kacca u tjur, u l-verzjoni tieghu anke giet kollaborata mill-kollega tieghu PC 1071. Illi huwa ngust li l-appellantipprova jtappan ix-xoghol ta' dawn il-pulizija billi jghid illi tinholoq certu tensjoni u anzjeta' fuq l-ufficjali ghaliex ta' bilfors iridu jgibu certu rizultati. Illum il-gurnata, hafna mix-xoghlijiet igibu maghhom anzjeta' u tensjoni, mandankollu ma jfissirx u ma jirrizultax li dawn il-pulizija kellhom xi tensjoni jew anzjeta' li affetwatilhom xogholhom. Din il-Qorti hija tal-fhema illi l-verzjonijiet tal-pulizija ghandhom mis-sewwa u huma aktar attendibbli minn dak li xehed l-appellant li *a tempo vergine* ammetta mal-pulizija li kien spara fuq gamiema ghaliex kien inhasad, mentri quddiem l-ewwel qorti huwa qal li kien spara fuq summiena. Ghaldaqstant fil-kaz odjern, ghal din il-Qorti ma hemmx dubbju li l-appellant ittanta jikkacja gamiema u dan billi spara tlett tiri fid-direzzjoni taghha. Ghal dawn ir-ragunijiet, ir-raba' aggravju wkoll qed jigi michud.

**L-ahhar u l-hames aggravju** tal-appellant jirrigwardja l-piena mposta mill-ewwel qorti. Kif gie ritenut diversi drabi, m'huwiex normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jean Pierre Farrugia**[29] fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> *"Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-*

[29] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 2023.

*Ewwel Qorti kienet b'xi mod "wrong in principle" jew "manifestly excessive."*

Illi l-appellant fir-rikors tieghu ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulzija vs Miguel Zammit**,[30] madankollu dan il-kaz ma jistax jigi kkumparat mal-kaz odjern, mhux biss ghax kull kaz huwa partikolari u bic-cirkostanzi tieghu, izda ghax fl-imsemmi kaz l-ewwel Qorti kienet imponiet sentenza ta' prigunerija effettiva. Fil-kaz odjern, l-ewwel qorti mponiet multa ta' €2,000 u sospensjoni tal-licenzja ghal zmien sentejn. Issa minn ezami tal-Ligi Sussidjarja 549.42 u partikolarment tal-Artikolu 27 jirrizulta li l-piena li tista' tigi imposta ghal din l-akkuza fil-konfront tal-appellant tvarja u cioe'ghal hlas ta' multa bejn is-somma ta' hames mitt euro (€500) sa massimu ta' hamest elef euro (€5,000) oltre li jkun hemm il-konfiska tal-*corpus delicti*. Oltre minn dan, l-istess disposizzjoni tal-ligi u cioe' l-proviso tal-Artikolu 27 jipprovdi ukoll li jkun hemm b'mod tassattiv is-sospensjoni tal-licGenzja jew permess rilevanti mahruga taht ir-regolamenti taht Parti XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal perijodu ta' mhux inqas minn sentejn izda mhux aktar minn hames snin. Ghalhekk l-ewwel qorti mponiet piena li taqa' fil-parametri tal-ligi u hija piena medja. Jinghad ukoll fir-rigward tas-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti, it-terminu moghti mill-Ewwel Qorti kien fil-minimu. Ghaldaqstant din il-qorti ma jidrilhiex li ghandu jkun hemm temprement fil-piena u ghalhekk qeghda tichad ukoll il-hames aggravju tal-appellant.

In vista tas-suespost, din il-Qorti qedgha tichad l-aggravji kollha mressqa mill-appellant Cledwyn Zammit fir-rikors tieghu u ghalhekk qeghda tikkonferma is-sentenza tal-ewwel qorti fl-intier taghha.

**Consuelo Scerri Herrera** — **Maria Grech**

**Imhallef** — **Deputat Registratur**

[30] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Marzu, 2023.